*"Fil-Lsien Malti l-ġieh tan-Nazzjon Maltija"*

L-EWWEL U T-TIENI KTIEB TAT-TMINTAX-IL SENA — MARZU - ĠUNJU 1942

# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

**Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"**

KULL TLIET XHUR

X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| Radd il-ħajr | Editorjal |
| *Qawsalla* | Dun Karm |
| Ħidmitna | Ġ. Chetcuti |
| *Ġesù* | Dun Karm |
| Meta ma ġewx l-Ajruplani | Prof. Dun P.P. Saydon |
| *L-14 ta' Ġunju* | Ġ. Chetcuti |
| Auf Wiedersehen | Ġ Galea, M.D., D.P.H. |
| *It-Trejqa* | Manwel Agius, M.D. |
| L-istatwa ta' Kristu Re | Editorjal |
| *Lil Malta — Fuq il-Fruntiera* | Dun Karm |
| Jum li jibqa' jissemma | Ġ. Chetcuti |
| *Xbihet Malta* | Arthur V. Vassallo |
| Il-Proża ta' Dun Karm | T. Sciberras |
| *Għanja ta' Mħabba* | Ġ. Chetcuti |
| Żewġ Poeżijiet tal-Kittieb Malti Antonio Calleja | A. Cremona |
| *Taħt is-Salib* | Rik. Mifsud Bonnici |
| *Lil Dun Karm* | Fran Camilleri |
| Don Mikiel Franġisk Buttiġieġ | P.Pawl Tabone o.f.m. |
| *Frak mill-Weraq ta' Byron* | A. Cremona |
| *Irrid immur ta' Xbiex* | Fran. Camilleri |
| Il-Cottonera fil-Ħamrun | N. Biancardi |
| Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti | |
| *Qalb ta' Tifel* | Rik. Mifsud Bonnici |
| Konkors ta' Kritika Letterarja | |

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

## Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"

KULL TLIET XHUR

IT-TMINTAX-IL SENA 1942

MALTA
EMPIRE PRESS
1942

# Il-Kumitat tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" għas-sentejn 1942-43.

F'Laqgħa Ġenerali li saret nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu, inħatar dan il-Kumitat il-ġdid tal-"Għaqda" għas-sentejn 1942-43. Dan il-Kumitat hu uffiċjalment magħruf mill-Gvern bħalma jidher mill-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' April, 1942.

PRESIDENTI ONORARJI

Monsinjur Dun Karm Psaila.

Prof. Dun P.P. Saydon, B.Litt., B.L.Can., D.D., Lic. S.Script.

L-Onor. Alb. V. Laferla, C.B.E. L.L.D., Direttur ta' l-Edukazzjoni.

VIĊI-PRESIDENT ONORARJU

Monsinjur Dun Pawl Galea, J.C.D.

PRESIDENT

Is-Sur Ġuże Galea, Kav., M.D., D.P.H.

VIĊI-PRESIDENT

Is-Sur Nin Cremona

SEGRETARJU

Is-Sur Ġużè Chetcuti

KAXXIER

Is-Sur Victor Apap

MEMBRI

Is-Sur Nikol Biancardi; Patri Wistin Born, O.P., C.F.; Is-Sur Anton Buttigieg, B.A., LL.D.; Is-Sur Ġużè Cassar Pullicino; Is-Sur Ġorġ Pisani; Is-Sur Ġorġ J. Ransley; Is-Sur Karmenu Sant; Patri Pawl Tabone, O.F.M., J.C., Th.M. Lect. Glis.; Is-Sur Godfrey Zarb Adami.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA* | MARZU
*TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | 1942

## RADD IL-ĦAJR

### KELMA FUQ "IL-MALTI" TA' DIĊEMBRU, 1941.

Jiena dejjem fhimt illi "Il-Malti" li joħroġ kull tliet xhur mill-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kien mhux biss l-organu tagħha bħala soċjetà letterarja, iżda wkoll is-simbolu ta' ħajja spiritwali tal-membri tagħha kollha f'rabta ta' qima u ta' mħabba lejn xulxin.

Il-kittieba tal-Malti, sewwa żgħażagħ u sewwa xjuħ, ma jaħdmux biss biex ifettħu u jħaddmu s-setgħat moħbija tal-Isien nazzjonali tagħna, juru l-ġmiel tiegħu, ikabbru s-siwi tiegħu u jagħtuh dik ix-xejra u dik il-mixja ħielsa, ħafifa u rżina li twasslu għall-jedd li joqgħod ma' l ilsna letterarji tad-dinja, le, huma jfittxu wkoll illi fil-ħsebijiet tagħhom, fit-tqanqil ta' qalbhom, fil-bini tal-karattru tagħhom jaħdmu annuna, u jrabbu bejniethom sentimenti ta' mħabba, ta' qima, ta' mogħdrija li tagħmilhom tassew bħala familja waħda.

Iżda, jekk dejjem emmint hekk, il-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Diċembru li għadda wettqitni iżjed u iżjed f'din il-fehma; għaliex jiena qatt ma kont nistenna, anqas ma kont qatt nobsor, li kellu jkolli xhieda hekk qawwija u sħiħa tal-qima li l-membri tal-Għaqda wrewni f'din il-Ħarġa Speċjali li għoġobhom jaħtruli f'egħluq is-sebgħin sena ta' ħajti. Kulma studjajt, kulma ħsibt, kulma ktibt, kulma għallimt fil-għomor tiegħi qaluh bl-aħjar u bl-isbaħ kliem: tistħajjel li aktar baqgħu jiftakru huma dak li għaddejt minnu jien ma' tul is-sebgħin sena tiegħi, milli bqajt niftakru jiena n-nifsi.

B'qalbi f'idejja nistqarr li ma kienx jistħoqqli dak it-tifħir kollu li tawni; imma fejn titħaddet il-qalb kollox jikber, kollox jisbieħ, kollox jistagħna. Għalhekk, jiena nista' nħalli fil-

ġenb dak kollu li hu tiegħi, iżda ma nistax ma nroddx ħajr minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor, — b'artikoli ta' proża mimlija, mwieżna, mexxejja, jew b'xi versi mħeġġa u sbieħ, jew b'xi ħedma oħra—riedu jfissruli dak li f'qalbhom iħossu għalija bħala ħabib, jew bħala membru mill-eqdem tal-"Għaqda", inkella bħala wieħed li ħadem b'ħiltu kollha biex isaħħaħ u jsebbaħ il-Lsien Malti, u jagħni l-letteratura tiegħu.

Jalla tissokta tikber u titwettaq din ir-rabta ta' mħabba bejnietna.

# QAWSALLA

## IL-MADONNA TA' MEJJU

## WARA ERBA' XHUR BLITZ

Erba' xhur ilhom leji u nhar jittajjru
Fuq rasna l-magni mġewnħa ta' l eghdewwa;
Bit-twerdin ta' l-inkejja jdamdam l-ajru,
U jaħkem fuq kulħadd il-ħsieb tad-dnewwa.

Jinżlu l-bombi mill-għoli, jkissru, jtajjru
Djar, raba' u ġonna: x-xaħta kibret sewwa;
Sa l-knejjes t'Alla fejn l-erwieħ jitħajjru
Għal ġid is-Sema sfaw ħerba sa ġewwa.

In-nisa mbikkma, bit-trabi f'idejhom,
Jistaqsu lis-Smewwiet jekk hemmx xi ħniena,
B'qalbhom imriegħda u bid-dmugħ fuq għajnejhom.

Jinsama' talbhom? Hekk ikun, għax Alla
Ma jitlaqx lit-tajbin f'idejn il-ħżiena....
U fi smewwietna dehret il-Qawsalla.

Dun Karm

30/iv/42

# ĦIDMITNA

*(Rapport tas-Sur Ġużè Chetcuti, Segretarju tal-"Għaqda", għas-sena 1941. Dan inqara fil-Laqgħa Ġenerali li saret Il-Mużew, il-Belt, nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu, 1942).*

Sur President, Ħbieb tiegħi,

L-Ilsien Malti nafu biżżejjed minn liema baħar għadda ta' mibegħda, ta' għira, u ta' ġlied biex illum ħassel letteratura mill-isbaħ, u biex kiseb isem ta' ġieħ f'Malta u barra minn Malta. Nafu kemm kienet kbira l-ħidma ta' dawk li ħabirku, tħabtu u tqabdu għall-ġid ta' Isienna. Nafu, b'ġieħ kbir għalina, li kienu l-imseħbin tal-"Għaqda" tagħna li ħadmu l-ewwel nies biex taw lil Malta letterarja Lsien għani u mirqum kif tabilħaqq jixirqilha. Għal iżjed minn 20 sena sħaħ ħadmet l-"Għaqda" tagħna biex għaniet fil-ġmiel u l-kobor tal-poeżija u l-proża tiegħu dak l-Ilsien li tul l-ewwel żmenijiet kien mistmell minn ħafna u maħbub mill-ftit. B'xorti tajba dawk iż-żmenijiet intemmu darba għal dejjem, u l-lum nistgħu ngħidu, bla ħadd ma jħammrilna wiċċna, li Lsienna hu maħbub minn ħafna u mistmell mill-ftit Imma dawn il-ftit għadhom ifixkluna qatigħ bil-ħidma tagħhom minn taħt, ħidma ta' tnassis—għax din hi l-aħħar arma li baqgħalhom. Bit-tnassis u t-tfixkil ħajjen huma qed iqiegħdu l-bsaten fir-roti lill-Malti u lill-ħbieb tal-Malti biex ma jimxux 'il quddiem. Dawn huma l-akbar egħdewwa li baqa' jiġru magħna s'issa. Nittamaw li fi żmien qasir jintemmu u jindifnu fl istess qabar fejn indifnu dawk li qabel kienu joboghduna u jistmelluna. F'rebħa sħiħa tal-Lsien Malti l-ġieħ tan-nazzjon maltija.

## ĦIDMA

X'kienet il-ħidma tal-"Għaqda" tul is-sena 1941 ? Nistqarr b'wiċċi minn quddiem ma kenitx kbira daqs kemm kieku xtaqniha. Ma' tul din is-sena—għalkemm, kif jaf kull wieħed minnkom, ma rajniex fiha ħlief tiqliel ġlieda ħarxa mill-ajru, u bombi, mewt u ħerba jitwaddbu mill-ogħla

sema li ma setgħux ma jfixklux mhux ftit il-ħidmiet tagħna—b'dankollu rnexxieli llaqqa' l-Kumitat darbtejn, imma ħames darbiet oħra l-Kumitat ma ltaqax ħtija li ma ntlaħaqx Quorum. Hawnhekk nixtieq infisser li hemm tliet raġunijiet għax dawn il-Kumitati ma kenux jiltaqgħu: l-ewwelnett, ħtija li l-Imseħbin kien ikollhom jiġu minn postijiet 'il bogħod, u għalhekk fiż-żmenijiet li ninsabu l-lum mhux għalkemm isibu karrozzi fil-ħinijiet li fihom ikunu jistgħu huma; it-tieni, ħtija tal-kotra kbira ta' *air raids* li kif tafu kienu jħawdu u jtellfu x-xogħol lil kulħadd; u, fl-aħħarnett, imħabba li wħud mill-Imseħbin kien aktarx ikollhom x'jagħmlu u għalhekk ma kinux ikunu jistgħu jlaħħqu mal-ħidmiet tal-"Għaqda". Dwar dan mhemmx aħjar milli wieħed ifisser ruħu ċar: Nixtieq li fil-Kumitat il-ġdid li jrid jinħatar jingħażlu, għall-ġid tal-Malti u ta' kulħadd, nies imħeġġin u li jsibu ħin dejjem li jistgħu jiġu għal-Laqgħat tagħna. Hekk lill-Malti tkun tista' ssirlu ħidma akbar u ġid akbar.

## LAQGĦAT AKKADEMIĊI

Minbarra l-laqgħat li ġa semmejt, fit-18 ta' Mejju 1941 kienet saret Laqgħa Ġenerali Akkademika. Jisgħob bini ngħid li f'din ukoll l-għadd ta' l-Imseħbin li ħadu sehem kien ċkejken ħafna. Imma f'din il-Laqgħa, bħal fil-Laqgħat l-oħra kollha, ittieħdu deċiżżjonijiet ta' fejda, minbarra li nqrat kitba letterarja—proża u poeżija—mill-isbaħ. Bħalma wieħed jista' jara mħabba t-twegħir tal-lum mhux għalkemm isiru Laqgħat Akkademiċi. Dnub li laqgħat bħal dawn ma jistgħux isiru ta' sikwit. Il-għan tagħhom hu ta' siwi kbir: qari ta' xogħlijiet letterarji, kritka u inkoraġġiment. B'hekk, permezz tal-kritka kostruttiva li ssir, xogħlijiet aħjar bil Malti jkunu jistgħu jinkitbu.

Tassew li l-laqgħat li għamilna tul is-sena kienu ftit, imma wieħed jeħtieġ jara li l-"Għaqda" tagħna hi għaqda letterarja, u l-gwerra ma tagħmilx ħaġ'oħra ħlief traqqad jekk ma teqredx dik ix-xrara tal-letteratura. Bħalna u agħar minna ġralhom l-Għaqdiet u x-Xirqiet l-oħra letterarji, ta' l-Ingliż u tal-Malti.

## KORRISPONDENZA

Il-ħsieb u l-fehma tal-"Għaqda" kienu dejjem li taqbeż għall-jedd li għandu l-Ilsien Malti u li tmexxi 'l quddiem lill-kittieba u lill-ħbieb tagħha għax b'hekk aktar tagħmlil-

hom il-qalb u tħajjarhom jagħtu kitba dejjem ogħla u isbaħ. B'dan il-ħsieb u b'din il-fehma għaddiet korrispondenza bejn il-"Għaqda" u l-Gvern dwar il-post ta' Traduttur Anżjan ta' Dokumenti bil-Malti Wieħed jeħtieġ iżomm f'moħħu li minn dan il-post u mill-bniedem li jingħażel biex imexxi dan il-post, l-Ilsien Malti jiddependi ħafna. Jista' jinħatar bniedem li, jew imħabba li ma jafx iħaddem il-Malti sewwa ukella għal ħsebijiet tiegħu personali, jagħmel mill-Ilsien Malti lsien li jixbah ħafna lill-ilsien Taljan, ħaġa li kontra tagħha ilna nitħabtu s-snin. Għax illum għandna żewġ skejjel ta' fehmiet: waħda li trid il-Malti taljanizzat għal kollox u b'hekk tressaqna ħafna lejn l-Ilsien Taljan u ttellef Ilsienna mix-xeħta tiegħu tabilħaqq maltija; u l-oħra trid li l-Malti jinkiteb kif għandu jinkiteb, b'Malti safi iżda mhux safi żżejjed imma lanqas b'qabda barbariżmi u kliem Taljan kif iridu jagħmlu wħud li, b'sengħa ta' qerq, qegħdin jiktbu l-Malti mhux b'mod li jgħolluh u jagħnuh fil-vokabolarju tiegħu imma biex taħt libsa barranija jbiddlulu ftit ftit il-lewn tiegħu nazzjonali u hekk jeqirduh kif jixtiequ u kif iridu jagħmlu. Biex il-"Għaqda" tiftaħ għajn il-Gvern, u għax taf kemm il-post hu ta' ħtieġa għall-Malti, għalhekk kiibitlu u fissritlu ċar il-fehma tagħha dwar il-bniedem li għandu jingħażel u l-ħila prattika u kulturali li għandu jkollu sabiex jimla b'suċċess dan il-post. Il-Gvern kien wieġeb u wiegħed li jqis u jimxi fuq il-punti mressqin minna. Jisgħob bini ngħid li din il-wegħda ma seħħetx u ma tidherx li ser isseħħ.

Minn għand ħbieb tal-Malti, fost ħafna ittri oħra, wasluli tnejn li huma importanti ħafna u li dwarhom nixtieq li nieħdu passi l-lum. Waħda minnhom, minn għand Brother Amedy Charles li fiha talabna biex naħtru bħala patrun tal-"Għaqda tal-Kittieba" u ta' l-Ilsien Malti lil San Ġwann Battista de la Salle. Fi żmien dan il-Qaddis, l-Ilsien Franċiż —ilsien art twelidu — kien imgħajjar u mżeblaħ l-istess bħalma kien u bħalma hu l-Malti l-lum. San Ġwann Battista tħabat u ħabrek biex l-Ilsien Franċiż ikun maħbub, imxandar u mgħallem kif tabilħaqq jistħoqqlu. It-taħbit u t-tħabrik tiegħu ma sfawx fix-xejn. Għaldaqstant Brother Amedy jixtieqna naħtru lil dan il-Qaddis patrun tagħna biex "kif hu fi żmienu rebbaħ b'ħidmitu lill-Ilsien Art twelidu, hekk il-lum igħin lilna f'Malta biex b'talbu u l-ħarsien tiegħu, il-Malti jirbaħ darba għal dejjem."

L-ittra l-oħra, li hi importanti ħafna wkoll, waslitilna minn għand Ġużè Cassar Pullicino, wieħed mill-imseħbin

akkademiċi tal-"Għaqda". Din tgħid: "Fl-'Aula Magna' ta' l-Università Rjali ta' Malta jinsabu r-ritratti ta' bosta Maltin magħrufa li għamlu isem sabiħ lil art twelidhom f'xi waħda mill-fergħat tal-għerf. Dawn ir-ritratti huma xhieda ħajja u turija tal-qima t'artna lejn il-ħidma tagħhom għall-ġid ta' ħuthom. Ħaġa waħda m'hemmx, ritratt ta' xi ħadd li kellu sehem kbir fil-qawma ta' Lsienna li ta lil Malta xi ħaġa ta' siwi letterarju li ma jmutx malajr. F'egħluq is-sebgħin sena ta' l-ogħla poeta li Malta qatt tatna ma' tul il-mixja tas-snin, jidhrilna li jkun xieraq li nuru l-qima tagħna lejn il-ħidma tiegħu għal Malta u għall-Malti billi nħabirku, ilkoll kemm aħna, biex nippreżentaw lill-Università ta' Malta ritratt ta' DUN KARM—l-aqwa poeta nazzjonali tagħna."

Jien żgur li kull wieħed minna jaqbel ma' l-idija tal-ħabib tagħna, u li lkoll kemm aħna ngħinu kemm nistgħu, finanzarjament u b'kull mod ieħor, biex naraw ir-ritratt ta' Dun Karm — il-poeta li għamel mill-poeżija maltija ġawhra mill-isbaħ fil-letteratura tagħna — imqiegħed, kif jixraqlu, fl-"Alma Mater" ta' l-Università Rjali ta' Malta.

## "IL-MALTI"

Kulħadd jifhem kemm hi iebsa li żżomm ħajja rivista letterarja l-lum il-ġurnata, u liema twegħir wieħed jista' jiltaqa' miegħu. Min messu xi darba jindaħal f'xi xogħol ta' stampa jaf liema taħbit bla mistenni jsib ma' wiċċu, u l-lum, bin-nuqqas ta' kull ħaġa li jitlob il-ħruġ ta' rivista, dan it-taħbit żdied fuq li żdied. Imma b'danakollu "Il-Malti" baqa' dejjem joħroġ, mogħni u mirqum bl-isbaħ xogħlijiet oriġinali ta' proża u ta' poeżija ta' l-aħjar kittieba. Fuq kollox "Il-Malti" ta' Diċembru did-darba fih 64 paġna— ħaġa li qatt ma kienet f'rivista letterarja bil-Malti—64 paġna mimlija b'kitba li taf tagħti l-pinna qawwija ta' nies bħal Dun Karm, il-Professur Saydon, it-tabib Ġużè Galea, Ninu Cremona u oħrajn. Dan ser ikun għadd speċjali li jfakkar għeluq is-70 sena ta' Dun Karm, l-ogħla poeta nazzjonali tagħna.

## IMSEĦBIN ĠODDA

Il-"Għaqda" dehrilha li għandha tilqa' fi ħdanha demm ġdid, żgħażagħ kittieba ġodda. U għalhekk għażlet uħud li l-kitba tagħhom, imsejra fuq sisien tajba ta' kultura mill-aħjar ġa bdiet turi ġmielha u twarrad imlewna fil-qasam

tal-letteratura maltija. Hi minn awl-id-dinja li biex il-"Għaqda" żżomm ħajja ma' tul iż-żmenijiet jeħtieġ ta' kultant iżżid ma' li għandha kittieba ġodda li jżommuha dejjem sħiħa u f'saħħitha.

KITTIEB LI TLIFNA

Imma ż-Żmien għaraf ukoll jisraq minn ħdan il-"Għaqda" wieħed mill-kittieba akkademiċi tagħha: SALVU AGIUS. Ħadem u kiteb qatigħ bil-Malti, l-aktar kitba reliġjuża. Mhux il-kitba kollha tiegħu hi kitba tajba fis-sens letterarju, imma jekk wieħed joqgħod jislet xi biċċiet minnha jsib li 'l hawn u 'l hinn għandu xi xogħlijiet maħduma bis-sengħa li tawh l-isem ta' kittieb Malti.

REDIFFUSION U B.B.C.

Ta' min isemmi wkoll li, bħas-sena l-oħra, bis-saħħa tal-"Għaqda tal-Malti (Università)", ħafna mill-kittieba tal-"Għaqda" tagħna qed ikollhom ta' sikwit ix-xogħlijiet tagħhom imxandrin minn fuq ir-Rediffusion u xi drabi mill-B.B.C. ukoll. Dan ix-xandir hu ta' ġid kbir għal Ilsienna, għax permezz tar-Rediffusion inkunu nistgħu nilħqu u ngħallmu lil kull klassi ta' nies, u nuru l-ġmiel u l-kobor tal-Lsien Malti.

L-ORTOGRAFIJA TAL-GĦAQDA

Fl-aħħarnett inħossuna henjin mhux ftit li l-ortografija tal-"Għaqda" l-lum waqqfet sisien sħaħ, daħlet fl-iskejjel kollha, kbar u żgħar u r-rivisti, il-ġurnali kollha u tista' tgħid kull ktiba oħra li toħroġ jimxu kollha fuq ir-reguli li jħaddnu l-alfabett u l-ortografija tagħna. "Leħen is-Sewwa" wkoll sa fl-aħħar fehem il-ħtieġa ta' l-ortografija tal-"Għaqda".

Kif tistgħu taraw, għalkemm għaddejjin mill-agħar siegħa ta' ħajjitna, il-"Għaqda" tagħna kompliet twettaq ħidmitha u hekk nittamaw tkompli sa l-aħħar sakemm fuq ix-xefaq Malti naraw tfiġġ fuq l-egħdewwa tal-ħaqq u tal-ħelsien dik ir-rebħa mixtieqa, dik ir-rebħa kbira, dik ir-rebħa sħiħa, għalina u għan-nazzjon li qed tħarisna.

# ĠESÙ

## FIL-KENN GĦALL-ATTAKKI MILL-AJRU *

Kull meta maż-żerniq ta' filgħaxija
    Narak sejjer tistkenn fix-xelter tiegħek
Biex tgħaddi l-lejl imwarrab mill-ħruxija
    Ta' min kull jedd sabiħ fit-tajn imiegħek.

Qalbi tingħafas, u b'ruħi mbikkija
    Nixtieq, Ġesù, li ngħaddi lejli miegħek,
U ngħidlek kliem ta' sabar u mogħdrija
    Lilek li s-sema u l-art ħedma ta' driegħek!

Għax jien nistħajlek f'dik il-ħarba twila
    Li kellek tieħu għall-Eġittu mbiegħed
Meta f'Betlem għaddiet siegħa qalila.

U nistħajlek ġo Ruma, l-Belt għajjura,
    Taħt l-art, fuq l-oqbra tal-mejtin imqiegħed
U ħbiebek kollha mixlijin, maħqura.

Dun Karm

27/2/'42

* Kull filgħaxija, wara l-barka, fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, fejn bħalissa jien qiegħed rifuġjat, is-sagrament jiġi mneħħi mill-artal maġġur u mqiegħed f'daqsxejn ta' daħla ġo l-imramma tas-saħħa, bejn il-knisja u s-sagristija.

Bosta drabi: kont jiena xhud ta' din il-ġrajja, u dik id-dehra nisslet fija l-ħsieb u l-lehma ta' dan is-sunett.

D K.

# META MA ĠEWX L-ARJUPLANI

Ma' tul erba' xhur sħaħ l-arjuplani Ġermaniżi ma qatgħu, tista' tgħid, qatt iż-żjajjar tagħhom lil Malta. Lejl u nhar il-karba tas-sirena sejra dejjem tidwi fl-ajru tħabbar il-miġja tal-għadu. U wara l-karba, tvarvir ta' arjuplani, tisfir ta' balal nieżla, tifqigħ ta' bombi, tkarwit ta' kanuni, u qtajja' ta' arjuplani jogħdsu qishom isqra fuq tajra ċkejkna, u sħab ta' duħħan mifrux fuq l-art donnu biex jaħbi l-ħerba ta' taħtu, u, jekk ikun bil-lejl, swaba' twal mudwala jiġru mal-firxa kollha tas-sema biex ifittxu u jaqbdu l-għadu ħajjen. Għal erba' xhur sħaħ din kienet il-ħajja ta' Malta bi nhar u bil-lejl. Il-ħsara, il-qerda, il-mewt saru qishom il-ħajja ta' Malta, it-taqtiq ta' qalb sar in-nifs li nieħdu, l-għerien ġol-blat taħt l-art saru d-djar tagħna.

Fl-aħħar ġimgħa ta' Marzu u fl-ewwel waħda ta' April aktar ħraxet il-qilla tal-għadu. Ra li 'l Malta ma setax jirbaħha, għalhekk ħalef li jġarrafha, ifarrakha, jeqridha. U minn kollox għamel biex ma jiksirx ħalftu. L-arjuplani bdew ġejjin b'kotra bla għadd, fil-għodu, f'nofsinhar, fil-għaxija, f'kull ħin, bla serħ, bla nifs. Iġġarrfu knejjes u palazzi, mijiet ta' nies baqgħu bla dar, bliet saru ħerba. Imma Malta għadha mhix mejta; miġruħa imma mhix maqtula. Jiflaħ l-għadu joqtolha?

Sebaħ it-Tnejn, it-tlettax ta' April. Fit-tmienja s-sirena bdiet tnewwaħ. "Il-Bambin jibgħathielna tajba dal-għodu" qal xi ħadd. "Sa nibdew il-ġimgħa" tenna ieħor. "Ġejjin jitkixxfu biex jagħtuna xi waħda f'nofsinhar" żied igħid ieħor. Imma wara kwarta u nofs is-sirena għajtet għajta ferrieħa, u kullħadd ħa n-nifs. L-arjuplani ma kenux resqu lejn Malta.

F'xi l-għaxra u nofs is-sirena reġgħet bdiet tokrob. "Naraw xinhu ġej issa!" beda jgħid wieħed lill-ieħor. Imma f'ħajjet Alla ma ġie xejn, u wara nofs siegħa s-sirena qabdet tgħajjat u tidħak u tibgħatna lejn darna bis-sliem.

Ħajta tama nibtet f'qalb kull wieħed. L-arjuplani tal-għadu ma resqux lejn Malta. Għaliex? Beżgħu? Kienu mreġġgħin lura? Min igħaddi minn ġot-tifqigħ ta' mijiet ta' balal ma jerġax lura għax jibża'. Tgħid il-Ġermaniżi telqu

minn Sqallija, u dawn li ġew kienu Taljani ? Min jaf kenux arjuplani sejrin Tripli u għalhekk inħassu minn Malta ? Jew inkella, żied igħid wieħed li jidhirlu li jifhem, kienu arjuplani Ġermaniżi telqin minn Sqallija mhux lejn Malta imma x'imkien ieħor. Hu xinhu t-tama laħqet daħlet fil-qlub.

Imma ma dametx. Għax f'nofsinhar u nofs il-ħin tal-attakki qawwija, is-sirena reġgħet qabdet dik il-karba twila li, f'xi ħinijiet, tħossha tinfidlek qalbek. "Issa żgur ġejja xi waħda" beda jgħid wieħed lill-ieħor; "bħalissa dejjem jidħlu." U min jiġri lejn ix-xeltrijiet, u min igħarrex biex jara jilmaħx xi nikta sewda fl-ajru, min b'widnejn wieqfa jissamma' xi ħoss fil-bogħod. Taqtiq ta' qalb. Sikta. Waslu? U dik l-imbierka ta' sirena, qisha tifla mqarba, reġgħet bdiet tgħajjat u tidħak kemm tiflaħ u tgħidilna li l-għadu tbiegħed, jekk qatt kien qorob.

Fis-siegħa u nofs u fit-tlieta, is-sirena darbtejn karbet u darbtejn daħket, u l-ebda darba ma resqu l-arjuplani lejn Malta.

Dik il-ħajta tama li kienet daħlet f'qalb kullħadd issa bdiet titqawwa. Mela tassew il-Ġermaniżi telqu. Għax kieku riedu jidħlu, kienu jidħlu bħalma daħlu drabi oħra L-attakki ilhom xi erbat ijiem jonqsu, tarraf wieħed, għax qabel kien ikollna erbgħa jew ħames attakki kbar kull jum, u dan l-aħħar ma kellniex ħlief tnejn kull jum, wieħed f'nofsinhar u l-ieħor fil-għaxija. Barra minn dan, qabeż igħid ieħor, Hitler ma jistax iżomm dawk il-mijiet ta' arjuplani Sqallija meta hu marsus sħiħ mir-Russi u qiegħed jibża' minn Franza.

Ma' nżul ix-xemx is-sirena newwħet mill-ġdid. Did-darba l-bombers Ġermaniżi ġew u tefgħu l-bombi, waqqgħu bini u għamlu ħsara oħra. Imma l-attakk ma kienx qawwi. U t-tama ma metitx.

P. P. S.

## KUMITAT TAL-"GĦAQDA TAL-MALTI (Dockyard)"

President—Is-Sur Marju Agius.
Segretarju—Is-Sur Karmenu Ellul Galea.
Kaxxier—Is-Sur Duminku De Giorgio.
Membri—Is-Sinjuri Ġeraldu Azzopardi, Mikiel Dalmas, Żarenu Carabott.

# L-14 TA' GUNJU

## JUM IN-NAZZJONIJIET MAGĦQUDA

Il-lum f'rabta waħda ta' ġieħ u ta' mħabba
Jingħaqdu l-ġnus ħielsa qawwija, henjin,
Il-lum f'rabta waħda ta' ġieħ u ta' mħabba
Qed jagħtu l-ġnus ħielsa tislima 'l xulxin.

Mhux f'jasar qerriedi, w f'mibegħda li taħqar,
Il-lum ħsiebna jiġri, 'ma fl-għaqda u wis-sliem,
Fl-imħabba bejn l-aħwa, bejn bniedem u bniedem,
Fid-dawl ta' kull hena li niksbu 'l quddiem.

Mhux fl-għira li nisslet il-għatx tat-taqbida,
U l-kruha wil-qilla ta' għadu għajjur
Li waddab il-Mewt, u d-demm ċarċar bla ħtija,
Id-demm ta' min f'daru kien sieket miġbur;

'Ma l-lum inħoss tidwi bħal għajta li timla
Il-baħħ ta' madwari w li ġejja mill-bogħod,
Mill-art tal-ħelsien li qed tħabrek għas-Sewwa,
U nħoss ma' din l-għajta din qalbi tirtogħod.

Nismagħha qed tamar lill-ġnus fit-taqbida :
Nħabirku bla heda, qalbiena, id f'id,
Neqirdu kull Setgħa ta' Ħażen mid-dinja.
Ħa ngħixu fl-imħabba, ħa nikbru fil-ġid.

Ningħaqdu ħsieb wieħed, qalb waħda, ruħ waħda,
Inxejnu l-egħdewwa, w inqattgħu kull lġiem
Li qed ixekkilna fil-mixja tal-ħajja,
Fil-għaqda: ir-Rebħa, fil-qawwa: is-Sliem.

Il-lum f'rabta waħda ta' ġieħ u ta' mħabba
Jingħaqdu l-ġnus ħielsa qawwija, henjin,
Il-lum f'rabta waħda ta' ġieħ u ta' mħabba
Qed jagħtu l-ġnus ħielsa tislima 'l xulxin.

ĠUŻE CHETCUTI

14/vi/42.

# AUF WIEDERSEHEN

Fredu kien bil-qiegħda qisu ras maqtugħa, jaqra u jarġa' jaqra ittra li kienet għadha kemm waslitlu mal-posta; magħluq waħdu f'kamra żgħira u għerja f'pensjoni ta' l-istudenti, hu kien qiegħed iħoss qalbu mgħargħra f'baħar ta' mrar u sħaba ta' niket kienet iddallamlu ġbinu.

Żagħżugħ ġwejjed u bil-għaqal, maqtugħ għalih waħdu, Fredu kien tifel sewwa kemm jista' jkun; il-kisra kiebja ta' għajnejh kienet tgħattilu l-ħeġġa u l-ħrara ta' qalbu; hu kien ilu xi tliet snin f'Ruma, fejn kien jissokta l-istudju tiegħu għal Tabib, iżda qalbu kien ħalliha f'Malta, marbuta wara Lucy li hu kien iħobbha daqs il-mimmi ta' għajnejh.

Fredu u Lucy kienu joqogħdu fi triq waħda u trabbew flimkien; għalkemm ma kinux jaqblu f'bixrithom u f'ġibdithom, huma minn kmieni ħassew qlubhom mixgħulin għal xulxin. Fredu kien tifel tal-ħsieb, ta' reqqa kbira f'kull ma jagħmel, moħħu qatt ma ttajjar u l-kumpannija qatt ma għamlet bih. Lucy kienet tfajla ta' ġmiel li jgħaxxaq, ferriħija, tħobb turi ruħha, tħobb iż-żegħil, tħobb ittifħir, tħobb it-tlellix, u għalkemm mhux darba jew tnejn Fredu u Lucy kellhom x'igħidu minħabba s-serjetà tiegħu jew it-titjir tagħha, dlonk kienu jaqgħu għal xulxin, jerġgħu jagħmlu ħbieb u qlubhom iżidu jikbsu bin-nar ta' l-imħabba u dawk iż-żewġ żgħażagħ aktar ma jikbru mħabbithom aktar kienet titwettaq u, meta Fredu laħaq ġuvni jbigħ is-saħħa u meta Lucy saret xbejba mogħnija b'kull sedqa u ġmiel, in-nies kienet titgħaxxaq tarahom dejjem flimkien, kulħadd kien jaħseb li kienu għal xulxin u huma kienu jħossu qlubhom marbutin f'rabta ħelwa ta' mħabba li ma tmut qatt.

Imbagħad Fredu kellu jitlaq minn pajjiżu, iżda qabel ma nfired minn Lucy hu u hija ħalfu u taw il-kelma li ma jinsew qatt lil xulxin; u għaddiet sena u għaddew tnejn u x-xrara ta' mħabbithom baqgħet dejjem tħeġġeġ bla ma naqset jew taffiet; iżda bogħod mill-għajnejn, bogħod mill-qalb, u għalkemm Fredu baqa' sħiħ fl-imħabba tiegħu u ma ħares qatt lejn tfajla oħra, Lucy, għalkemm ma nsietx il-maħbub tagħha, bdiet tedha bit-tislim ta' xi żgħażagħ ħbieb tagħha u ma tbarrix il-ħars tagħhom u jekk fl ewwel sentejn

ma għaddietx ġimgħa li hija ma weġbitx għall-ittri tiegħu mixgħulin bl-imħabba b'ittri oħra mimlijin bl-oħla tqanqil il-qalb, fit-tielet sena dik it-tfajla ma baqgħetx tistennieħom l-ittri ta' ħaninha bil-ħrara ta' qalbha kollha u anqas ma baqgħet twieġeb għalihom minnufih, hekk li kienu jgħaddu ġimgħa jew tnejn bla ma kienet twieġeb għal ittra ta' Fredu.

Fredu mela rasu u qalbu ngħafset min-niket aħrax; xtaq irabbi l-ġwienaħ u jtir lejn Malta biex jara jekk il-maħbuba tiegħu daħlilhiex xi fellus f'rasha u biex jitlobha ma tħallihx nieqes mill-ittri tagħha li dlonk kienu jsawbulu ħlewwa ta' l-aqwa faraġ f'qalbu. Dak iż-żagħżugħ għadda minn waqtiet ta' dwejjaq li ma bħalhom billi deherlu li l-ħanina kienet bdiet tinsieh, iżda mbagħad bla ħsieb ta' xejn waslitlu l-aħbar li Lucy u xi bniet oħra ħbieb tagħha kienu sejrin Ruma jqattgħu xi erbat ijiem għall btala tal-Għid il-Kbir. Għal dik l-aħbar Fredu ħass qalbu tixxettel u titfarraġ mill-ġdid u għamel fehma li sakemm Lucy iddum f'Ruma jagħmel mill-aħjar li jista' biex juriha l-ġibda, il-qima u l-imħabba tiegħu lejha.

* * *

Lucy u sħabha waslu Ruma u minnufih inxteħtu biex igawdu kull hena li żżewwaq il-ħajja ta' dik il-belt, u għalkemm Fredu mar jilqa' lill-maħbuba tiegħu fl-istazzjon tal-vapur ta' l-art u ħareġ magħha u dawwarha fl-aqwa postijiet u ħadha tara l-isbaħ wirjiet, dik it-tfajla kellha rasha mimlija bil-bidla li sabet f'Ruma u ħsiebha kien li ma titbiegħedx minn sħabha l-oħra biex ma tibqax lura u titlef xi waħda mill-praspar li sikwit kienu jiltaqgħu magħhom. Dawk it-tfajliet fuq ruħhom u ħsiebhom fiċ-ċajt, kienu jogħxew wara t-tħanxil u l-hejm tal-ġuvnotti kollha dlik u fwieħa u billi kellhom moħhom fuq il-werqa huma malajr sabu fiex jixxiegħlu, u tbellhu mhux ftit għax dikment daru magħhom ruxxmata żgħażagħ m'għandhomx x'jagħmlu li bit-tmellis, biż-żegħil u bil-hejm tagħhom ħadu moħħ dawk it-tfajliet Maltin.

Darba Lucy iltaqgħet ma' Fizzjal tal-Baħar u damet qatigħ tiċċaċċra miegħu; kien Fizzjal fuq ruħu,ilsienu jaqilgħu, kollu tbissim, kollu ħlewwa, kollu ċajt, kollu ċaqliq, kien liebes uniformi mimlija ħaririjiet u galluni tad-deheb hekk li għammxilha għajnejha u ħawdilha moħħha u wara li

damu nofs ta' nhar flimkien, Marju, għax hekk kien jismu dak il-Fizzjal, ried iwassal il Lucy sal-lukanda fejn kienet toqgħod u mbagħad wara li ntlewa tnejn biex isellmilha, ma telaqhiex qabel ma ġagħalha twiegħdu li tarġa' tiltaqa' miegħu.

Wara dan, Marju u Lucy iltaqgħu bosta drabi, għax għalkemm Fredu kien jagħmel minn kollox biex ma jonqosha qatt lill-maħbuba tiegħu, din kienet tara kif tagħmel biex teħles minnu ħalli tiltaqa' ma' Marju l-Fizzjal. Lucy, tfajla sajma minn kull qerq tad-dinja, malajr ittajret għal wara dak il-ksir il-għonq ta' Fizzjal li ħadilha moħħha biż-żegħil u bil-ħlewwiet tiegħu; dak kliemu tal-għasel u dik imġibtu kollha nċensar daħlulha f'qalbha u sakkruhielha f'xaħxiħa ta' hena bla dehen; hija ttajret għat-tiġbid ta' Marju u ntilfet wara l-frugħa tiegħu u qajla baqgħet taħseb fl-istudent Malti li kien iħobbha daqs id-dawl ta' għajnejh. Fredu tfantas u beda jitħasseb u fl-aħħar qatagħha li jara sewwa għaliex Lucy kienet tbarrih, iżda malli tarrfilha kelma fuq hekk dik it-tfajla ħaditu bl-ikrah, qaltlu biex ma jarfgħalhiex salibha u wrietu li ma ridetx taf iżjed bih, imbagħad infirdet minnu b'dagħdiegħa kbira u barra dan, biex teħles minnu għalkollox u taqta' kull ħbubija li kellha miegħu, bagħtitlu daqsxejn ta' ittra fejn kitbitlu ċar u tond biex ma jħaresx aktar lejha għax ma kellhiex aktar ħsiebu u ma kinetx tħoss aktar ġibda għalih.

Wara li dam ħafna iqalleb dik l-ittra u jaqraha u jarġa' jaqraha, Fredu ħass qalbu trid tinqasam, imbagħad qabduh dwejjaq koroh, il-ħitan tal-kamra fejn kien qiegħed stħajjilhom se jaqgħu fuqu, inqatagħlu n-nifs u ried dawl u arja u beraħ, tatu bħal sfiċċa u ħareġ jiġri mill-kamra, telaq mill-pensjoni u baqa' sejjer donnu bniedem mitluf minnu n-nifsu, igħaġġel, jaħbat man-nies u jilwi minn triq għal oħra bla ma jaf fejn hu sejjer: għadda mill-*Corso*, tala' ma' *Trinità dei Monti* u bla ma jaf kif sab ruħu fuq il-*Pincio*. La s-siġar u la l-fjuri ta' dak il-ġnien sabiħ ma qajmu lil Fredu mit-telfa ta' ħsebijiet koroh li kien jinsab fiha, hu baqa' sejjer iterraq l' hawn u 'l hinn, qalb il-ħdura li tgħaxxaq u l-inwar li jfarrġu, b'rasu mgħaddsa, ħosbien u mikdud għall-aħħar.

F'daqqa waħda Fredu sama' xi ħadd ifaqqa' daħka rqiqa; dik id-daħka ħasditu, daħlitlu f'qalbu u ġagħlitu

jieqaf għal għarrieda; b'ħeffa kbira l-istudent rafa' rasu u dawwar ghajnejh u hemm, ftit bogħod minnu, fuq mejda ħdejn *La Casina delle Rose*, lemaħ lil Lucy bil-qiegħda b'sieq fuq oħra, b'qasba rqiqa f'ħalqha, issoff minn tazza larinġata tas-silġ u tiċċajta u tiddieħak ma' xi erba' tfajliet sħabha. Fredu nfixel x'jaqbad jagħmel, min-naħa waħda feraħ għax, bla ħsieb, iltaqa' mal-maħbuba tiegħu iżda min-naħa l-oħra xtaq ma sabhiex ma' sħabha biex ikun jista' jkellimha aħjar; madankollu waħda minn sħab Lucy tatha daqqa b'minkbejha u xejret rasha lejn fejn kien Fredu ; Lucy dawret wiċċha u mita lemħet l-istudent indehxet, fawra demm telgħet għal wiċċha, niżżlet sieqha minn fuq l-oħra u siktet u baqgħet ħiemda.

Fredu għamel ħila lilu nnifsu, ħa nifs qawwi u resaq lejn Lucy u fil-waqt li ħares lejn it-tfajliet l-oħra donnu biex jitlobhom iwarrbu, qal lill-maħbuba ta' qalbu minn taħt ilsien :

"Xtaqt inkellmek".

Lucy baqgħet siekta għal ftit tal-ħin donnha kienet taħseb x'kellha twieġeb, imbagħad staqsietu :

"Ma waslitlekx l-ittra li ktibtlek?"

"Iva".

"Mela taf li ma għandekx xi tridni aktar!"

Fredu ħass bħal tferfira ta' demm tiġrilu ma' ġismu kollu, inkiser u ma felaħx ilissen kelma. Lucy, wara li ħadet in-nifs żiedet tgħid :

"Mil-lum 'il quddiem qisek qatt ma kont tafni u nixtieq li ma tħarisx aktar lejja!"

Għal dik iċ-ċanfira l-istudent tħawwad u regħex, ma sabx x'igħid u baqa' għal ftit tal-ħin imbikkem, imbagħad beda jlaqlaq u :

"Dan li qiegħed tgħidli mhux ħiereg minn qalbek" qalilha.

It-tfajla telgħulha, bdiet tħabbat riġlejha ma' l-art u qalet :

"Ħallini! Ħallini għax dejjaqtni! M'għandix ħsiebek aktar. Mur u ħallini!"

Fredu daħal ġo qoxortu, qabditu bħal ħedla u baqa' msammar ma' l-art qisu ġisem bla ruħ. Dak il-waqt inqala'

Marju li minnufih resaq fuq Fredu, qabdu minn spalltu, tah theżhiża u qallu b'leħen imqit:

"Żul minn hawn! Isa! Ma smajthiex tgħidlek biex tmur u tħalliha?"

L-istudent regħex, tbergħen u fawra ta' qilla telgħet għal wiċċu u

"Int x'daħħlek?" staqsa b'leħen maħnuq bid-dagħdiegħa.

Il-Fizzjal mela sidru bin-nifs, donnu dundjan meta jqajjem ir-ronda, iġġebbed u għolla rasu fil-waqt li qal:

"Jaqbillek titlaq qabel ma jkollok indiema. Ħażin għalik jekk narġa' naqbdek tħares lejn il-maħbuba tiegħi!"

Fredu ħass tqanqila ma' ġismu kollu, baqa' mibluh qisu ma riedx jemmen lil widnejh, imbagħad ħares b'ħerqa kbira lejn Lucy donnu biex jaqralha f'għajnejha jekk dak li qal il-Fizzjal kienx minnu. It-tfajla, aktarx biex tinbex lill-istudent, tbissmet bi ħlewwa kbira lill-Fizzjal li għal dik it-turija ta' mħabba żied intefaħ u ddaqqaq u biex juri xirfu ħabat se jimbotta lil Fredu biex iwarrbu fil-ġenb, iżda Fredu, li kien żagħżugħ matnazz u jbigħ is-saħħa, f'daqqa waħda, demmu xegħbu, qabad b'saħħa kbira lill-Fizzjal minn idu, ilwihielu u tefgħu xi erbat iqjiem lura qisu waddab ċurniena tiben.

Il-Fizzjal inkiser, gidem xoftu ta' taħt, leħħa ta' qilla dehret fi ħbub għajnejh, qarmeċ snienu u nxteħet fuq Fredu biek jitħallas minnu, iżda minnufih Lucy daħlet bejniethom, ferrqithom u ma ħallithomx jaqbdu f'xulxin.

Fredu kellu demmu jbaqbaq u idejh jikluh biex jaħfen lil dak li kien seraqlu l-għaxqa ta' qalbu, iżda minħabba l-qima li kellu lejn Lucy u biex ma jġagħalhiex tinkiser quddiem in-nies, rażżan lilu nnifsu tafa' ħarsa ta' tmaqdir fuq Marju u fil-waqt li dawwar wiċċu biex iwarrab, qallu b'leħen maħnuq bid-dagħdiegħa:

"Xtaqt sibtek mhux quddiem dawn il-bniet; iżda għad nerġgħu niltaqgħu." Imbagħad telaq bla kliem u bla sliem.

"*Auf Wiedersehen*" wieġebMarju biex igħaddih bid-daqquqa.

* * *

Tliet xhur wara, ħtija tal-gwerra Fredu ħtiegħu jħalli l-istudju tiegħu, jitlaq minn Ruma u jinġabar f'Malta; daħal fir-Riġment tal-Artillerija Maltija u ntafa' b'ruħu u b'ġismu għall-ħajja ta' suldat, ħajja ta' twegħir u ta' tbatija, iżda ta' fejda u mseddqa b'ħidma ta' kull ġieħ u għalkemm hu kien iħoss bħal diqa ta' qalb kull meta jġib quddiem għajnejh l-imġiba ta' Lucy u ta' sikwit kien jiftakar fl-imrar li sqietu, iżda l-ħsibijiet u t-taħbit tal-ħajja ta' fuq il-kanun ma ħallewlux żmien imaħħaħ fuq xortih il-ħażina u mbagħad il-għafsa ta' qalb bdiet ittaffi l-uġigħ tagħha.

Issa kien wasal żmien ikrah wisq fuq il-Gżira tagħna; żmien ta' niket, żmien ta' tiġrib; mis-sema kienet għaddejja bħal sħaba ta' mewt li tħalli warajha biki u lfiq. Il-Maltin ma kellhomx mistrieħ: bin-nhar u bil-lejl, kull waqt u kull ħin, kienu mikdudin mill-għadu li dlonk kien itir fuqhom u bi ħruxija kbira jiżra' mill-ajru qirda u ħerba. Djar imġarrfa, nies mejtin, oħrajn midrubin, iżda l-poplu dejjem sħiħ u qawwi, qatt ma jaqta' qalbu, qatt ma jmejjel rasu, iżda aktar jissaħħaħ fil-fehma u r-rieda tiegħu, fehma u rieda għal rebħa aħħarija.

Wara li l-għadu mhux darba jew tnejn, iżda mijiet ta' drabi, ġie jaħbat għal Malta mill-ajru u kull darba kien milqugħ kif jixraqlu, fl-aħħar għamel f'rasu li jiġi bil-baħar; ħaseb forsi li jeħodna għal għarrieda, iħarbatna u hekk ikun jista' jiftaħar b'rebħa kbira tassew.

Kien iż-żerniq ta' jum is-Sibt, is-26 ta' Lulju 1941, wara lejl ikrah u ta' niket li ma' tulu ajruplani tal-għadu għal bosta drabi ttajru fuq Malta u tefgħu l-bombi qerrieda tagħhom, fil-waqt li s-suldati kienu għassa fuq il-kanuni u n-nies miġburin qrib ix-xeltrijiet, kulħadd b'qalbu ttaqtaq, kulħadd donnu jistenna tiġri xi ħaġa kbira, f'Sant'Jermu naqra ta' suldat daħal jiġri ħdejn il-Kap li kien jikkmanda fuq kulħadd u newwillu nitfa karta miktuba minn dak li kien jissamma' għali-ħsejjes tal-għadu. Il-Kmandant qara dik il-karta b'dehwa kbira, imbagħad waqaf għal ħin wieħed donnu biex jixtarr sewwa dak li qara, iżda minnufih wiċċu tbergħen, għajnejh riedu jtajru x-xrar, għaffeġ il-karta f'idu, qam bil-herra, ħareġ jiġri u mar ġabar il-Fizzjali ta' taħtu biex jagħtihom l-aħbar li fil-bogħod kienu jinstemgħu l-lanċ tal-għadu resqin lejna b'ħeffa kbira biex jaħbtu għalina.

Mela dak li s-suldati kienu ilhom jistennew mill-bidu tal-ġwerra issa kien se jiġri, dawk il-qalbiena ta' fuq il-kanuni tax-xtajta kellhom xewqa kbira li jifthu n-nar tagħhom fuq il-għadu u kienu jħossu għira għal sħabhom l-Artilljeri ta' fuq il-kanuni ta' kontra l-ajru li kuljum u ta' sikwit kienu jkabbruh u jtertquh bin-nar qawwi tagħhom. F'radda ta' salib kulħadd qam fuq tiegħu u mar f'postu, kulħadd kien b'għajnejh imsammrin fuq ix-xefaq, kulħadd kellu demmu jferfer f'dagħdiegħa ta' qilla ħarxa. Min-naħa tal-Lvant kienet telgħet bħal bjuda mitfija ta' qabel is-sebħ, iżda s-sema kien għadu mdallam u l-ħolqien kien mistur f'ħemda li ttik x'taħseb; anqas fewġa ħafifa, anqas ċejqa ta' għasfur ma kienu jiksru s-skiet; donnha l-Istorja ma ridetx tfixkil filwaqt li tikteb il-ġrajja tagħha.

F'daqqa waħda fuq is-swar ta' Sant'Jermu, mijiet ta' għajnejn tberrqu għalenija fil-waqt li mijiet ta' rjus ixxejru kemmxejn 'il quddiem u ħafna idejn intrefgħu biex juru lejn ix-xefaq; qamet bħal ġeġwiġija, il-Fizzjali waħħlu t-trombi quddiem għajnejhom u l-Kanunieri qabdu l-imradd biex idawru l-kanuni kif jordnawlhom dawk ta' fuqhom. Il-Kmandant, wieqaf fuq tiegħu u bla tferfix, warrab it-tromba minn quddiem għajnejh u qabad it-telefon biex ikellem 'il dawk tal-Fort Tignè u l-oħrajn tar-Rikażli u wara li ftiehem magħhom u tahom xi tusijiet, qal xi ħaġa lill-Ajjutanti li kellu madwaru u raġa' waħħal it-tromba quddiem għajnejh.

Madankollu f'xefaq il-baħar fil-bogħod kienu dehru bħal tikek żgħar resqin lejn Malta b'saħħa tal-għaġeb u aktar ma joqorbu aktar jikbru fid-daqs tagħhom, imbagħad beda jinstama' wkoll bħal twerdin jew tvenvin għall-ewwel ħafif u mitfi iżda kull ma jmur jitqawwa u joktor sakemm fi ftit tal-ħin qorbu hekk li wieħed sata' jagħrafhom sewwa; kienu *E. Boats*, lanec imdaqqsin jiġru b'ħeffa tal-biża', pruwa lejn Sant'Jermu; kienu għaddejjin iżiġġu f'wiċċ il-baħar u jħallu warajhom radda bajda ta' ragħwa u ta' raxx.

Is-suldati baqgħu jħarsu donnhom imsaħħrin minn dik id-dehra ta' qawwa u ta' ħeffa, iżda l ebda tikmixa ta' biża' ma feġġet fuq wiċċhom u fil-leħħa ta' għajnejhom wieħed kien jista' jara n-nar qawwi li kellhom iħeġġeġ f'qalbhom.

Fredu meṣsu fuq il-kanun u fil-qalb ta' qalbu kien ibierek is-siegħa li dak il-ħin wasslitu hemm; kellu demmu jbaqbaq u għajnejh jibru bit-tqanqila li kien iħoss ġewwa fih; bħala

Fizzjal hu kien irid jagħti l-ordni lil dawk ta' taħtu biex jagħmlu n-nar u hu kien iħossu fuq ix-xwiek biex jagħmel id-dmir tiegħu. Issa l-laneċ kienu qorbu sewwa u l-ħsejjes u t-twerdin tagħhom mela l-arja kollha; is-suldati għaddew ħamsa minn dawk il-laneċ, imbagħad għaxra, imbagħad ħmistax, u waslu sa sbatax; kienu qishom ferħ naħal resqin jittajru biex jagħtu x-xewka.

F'daqqa waħda nstemgħet l-ordni: "Għamlu n-nar!" u minnufih donnhom infetħu bwieb l-infern; il-kanuni faqqgħu kollha f'daqqa u riegħdu l-art, ilsna tan-nar, tvenvin ta' balal, agħjat ta' ordnijiet, twerżiq ta' suldati li f'daqqa nsew is skiet u fetħu garġihom biex jisħtu u jidgħu lill-għadu, u kullimkien dħaħen u riħa ta' polvri maħruq. Fil-baħar, bejn l-*E Boats* dehru muntanji ta' ilma jogħlew kull fejn jaqgħu l-balal tal-kanuni u xi żewġ laneċ taru u saru tlief.

Issa l-laneċ tal-għadu bdew jagħmlu tagħhom; dawk ta' quddiem kienu qorbu sewwa lejn il-portijiet u telqu t-torpedni tagħhom li qabżu f'wiċċ il-baħar donnhom muletti u taru b'ħeffa li twaħħax lejn l-art, waħda minnhom ħabtet ma' l-irfied tal-pont li jgħaqqad il-breakwater mal-blat ta' taħt Sant'Jermu u tajritu, oħrajn ħabtu fuq il-blat u qanqlu theżhiża li riegħdet il-Belt kollha. Ħafna nies ħarġu jiġru minn ġo djarhom u minn ġol-kennijiet tal-blat u bla ma qagħdu jqisu t-tiġrib kbir li ttarrfu fih, ġrew għal fuq is-swar; għax issa kienet ġriet ix-xniegħa li l-għadu kien ħabat għal Malta bil-baħar, u n-nies qabadhom ferħ ta' ġenn biex jarawh jaqla' taptipa kif imiss.

Madankollu l-laneċ tal-għadu kienu daħlu fin-nar ta' Sant'Jermu, ta' Tignè u tar-Rikażli li t-tlieta bdew jisparaw xita ta' balal; quddiem il-Port il-Kbir u dak ta' Marsamxett l-ajru mtela bi snug ta' balal mikwijin ħomor nar, li dehru jaqbżu mill-kanuni għal fuq l-*E. Boats* u fil-farxa tal-baħar dehru il-... kbar jogħlew kull fejn jaqgħu u jfaqqgħu l-balal; instemgħu tvenvin u tisfir ta' bombi li jkexkxu u nħassu tregħid u theżhiż tal-biża'. Il-laneċ bdew isallbu b'ħeffa kbira biex jeħilsu minn dak in-nar qerriedi li beda jtir għal fuqhom, iżda ma setgħux jilħqu ma' dawk il-bombi kollha li kienu qishom miġbudin għal fuqhom minn kalamita.

Is-suldati fuq il-kanuni kienu qishom nies mitlufin f'demmhom, jaqbżu min-naħa għall-oħra, igħajjtu, inewlu l-balal, idawru l-kanuni b'ħeffa u b'reqqa tal-għaġeb għal fuq il-

għadu; huma kellhom wiċċhom iswed ibażża' bid-dħaħen u t-trabijiet, għajnejhom ileqqu u kienu għarqanin xraba, maħnuqin u dommhom imherwlin, iżda kulħadd jaf x'għandu jagħmel u kulħadd iħabrek mill-aktar li jista' biex iżomm in-nar tal-kanuni bla ma jaqta' u kull meta jolqtu xi dgħajsa tal-għadu jinfexxu f'agħajat li jtarrax, agħajat ta' ferħ li minnufih jissieħeb ma' agħajat u ċapċip qawwi tan-nies li kienu jħarsu fuq is-swar.

Id-dgħajjes tal-għadu sabu ruħhom f'xibka ta' nar u ta' azzar li ma setgħux jeħilsu minnha, huma għamlu kemm felħu biex jidħlu fil-portijiet, iżda kull darba n-nar qawwi tagħna kien jitfagħhom lura filwaqt li jnaqqi xi waħda jew tnejn minnhom; mid-dehra huma kellhom fehma qawwija li ma jerġgħux lura tellifin, fetħu n-nirien tagħhom kollha u telqu torpedni u balal ta' qiegħ il-baħar kemm kellhom, iżda ma setgħux ilaħħqu mal-kanuni tagħna.

Issa kien għoddu sebaħ u t-taqbida xegħlet, is-suldati tagħna ħraxu u telqu l-qilla kollha li minn żmien qabel kienet ilha tinsarr ġewwa fihom; it-tfaqqigħ tal-kanuni beda ma jaqta' xejn hekk li fuq il-għadu bdiet nieżla xita ta' balal li hu ma satax ilaħħaq magħha; il-laneċ bdew itiru u jsiru frak waħda wara waħda u fl-aħħar ma baqax ħlief xi erbgħa jew sitta li tfixklu u tħarbtu, bdew iduru 'l hawn u 'l hinn biex jeħilsu mill-qirda li kienet ittir bla hedu għal fuqhom, iżda kull fejn iduru ma bdewx isibu ħlief balal ifaqqgħu quddiemhom, u l-baħar, ma' kull tfaqqiegħa, igħollihom u jheżhiżhom qishom kienu qoxra ta' ġewża; fl-aħħar biex tagħqad, instema' twerdin qawwi fis-sema u minnufih dehru l-ajruplani tagħna biex iżidu jħarbtu l-għadu.

Malli waslu l-ajruplani, l-erba' dgħajjes tal-mutur li kienu għadhom igħumu, intilfitilhom kull tama ta' ħelsien, huma bdew jisparaw fuq l-ajruplani tagħna, iżda għal kull tir minn tagħhom, mijiet ta' balal u bombi kienu jaqgħu fuqhom minn l-art u mill-ajru; dawk il-ftit nies li baqgħu fuq il-laneċ tal-għadu ħassew li kollox kien mitluf; ftit sigħat qabel huma telqu mill-port tagħhom imkabbrin bil-qawwa tagħhom kollha u minfuħin bit-tama tar-rebħa, iżda issa ħassew il-għajb tat-telfa jaqa' fuqhom f'daqqa bl-imrar tiegħu kollu, u nstarmu u nbelgħu, iżda ma kellhomx żmien wisq biex jaħsbu f'xortihom, għax f'radda ta' salib in-nar tagħna tertaqhom u l-baħar tagħna belagħhom.

* * *

Fit-toroq in-nies kienu qegħdin jiġru u jgħajtu donnhom imġienen bil-ferħ, u s-suldati kienu jaqbżu qishom għefieret u jħambqu fuq ir-rebħa tagħhom, meta l-Kmandant ta' Sant'Jermu bagħat għal Fredu l-Fizzjal għax ried ikellmu.

Fredu daħal quddiem il-Kap tiegħu bi ħwejġu kollha għabra, b'wiċċu mgermed, iżda b'leħħa ta' hena tiddi fi ħbub għajnejh, hena li jħoss bniedem li jkun għamel id-dmir tiegħu kif imiss. Il-Fizzjal rafa' idu quddiem ġbinu, imbagħad niżżilha bil-ħeffa u baqa' wieqaf u iebes. Il-Kmandant daħaklu lil Fredu u qallu:

"Nifraħlek b'qalbi kollha; inti ħriġt ta' raġel tassew. Inti u l-kumpannija tiegħek ħaqqkom kull tifħir għall-ħeġġa li wrejtu f'din ir-rebħa tagħna."

Fredu bexxaq fommu biex jiżżiħajr lill-Kmandant, iżda dan ma taħx żmien u baqa' jgħidlu:

"Għadhom kemm qaluli li fuq il-blat ta' taħtna, il-baħar tafa' ġisem ta' wieħed minn dawk li kienu fuq waħda mil-lanec li kif stajt naqbad tfarrket wara li laqtitha balla mill-kanuni tiegħek. Tridx tieħu n-nies biex tiġbru l-ġisem ta' dak il-għadu!"

"Immur!" qal Fredu, u raġa' sellem b'idu, dar fuq riġlejh u ħareġ igħaġġel.

Il-Fizzjal ġabar erba' suldati tal-kumpannija tiegħu, qalil-hom biex jieħdu stretcher u kutri, niżel bihom fuq il-blat ta' taħt Sant'Jermu, iżda malli resqu fejn il-ġisem tal-għadu, Fredu waqaf għal għarrieda, wiċċu tqarras, xuftejh inġabru, għajnejh leħħu u baqa' qisu mibluh.

Is-suldati ħarsu lejn xulxin għax ma setgħux jifhmu x'kien ġralu l-Fizzjal tagħhom, imbagħad wieħed minnhom, biex ikellmu, qal:

"Sinjur! dan il-mejjet kien xi Fizzjal; ara kemm għandu galluni."

Fredu ħass bħal dehxa kbira u bla ma jaf kif wieġeb:

"Nafu; kien jismu Marju: l-aħħar li ltqajna wegħedni li kellu jarġa' jarani. *Auf Wiedersehen* kienet l-aħħar kelma li qalli qabel infridna, u arġajna ltqajna!

Ġużè Galea

# IT-TREJQA

Hemm triq żgħira qalb l-egħlieqi,
Illi biha naf biss jien,
Trejqa dejqa, mħattba u tiwi,
Li ma tieħu għal imkien.

Iżd'hekk int issib dit trejqa,
Tista' tgħid li int sirt għani
Għax titilqek ġo wied ċkejken
Xemxi, ġwejjed u ħadrani.

Hawnhekk int issib il-faraġ
Li ma hemmx qalb il-bnedmin,
Min hawnhekk il-ġlied u l-għira
Huma għal dejjem mifrudin.

Tisma' biss il-garr tan-naħal
Fuq il-plejju u l-peprin,
Tara biss il-ħdura tmewweġ
Taħt smewwiet sbieħ, kaħlanin.

Fittex, ħija, din it-trejqa
Li mill-jasar se tifdik.
Kulħadd hu jeħtieġ li jsibha
Ħadd ma jista' jfittxha għalik.

Ħalli l-boloh jieħdu t-toroq
Illi jinfdu għal x'imkien.
Għalija w għalik it-trejqa
Li ma tieħu għal imkien.

MANUEL AGIUS

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA
Asst. Direttur : Ġużè Chetcuti

---

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba tinbagħat lil Ġużè Chetcuti, "Empire Press", 266, Triq San Pawl, il-Belt.

Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lil Victor Apap, Villino Schembri, Rabat jew lil K. Buttigieg, Empire Press, Il-Belt. Mal-ħlas tingħata l-irċevuta.